Għotja fuq ix-xiri ta' Sistemi ta' Enerġija Rinnovabbli fis-Settur Domestiku – Sejħa 2026/RES – Applikazzjoni Parti A

Jekk jogħġbok ħu ħsieb li timla t-taqsimiet kollha tal-formola, inkluż dawk tal-paġna ta' wara. Applikazzjonijiet li ma jkunux kompluti ma jiġux ipproċessati.

L-applikanti għandhom jimlew din il-formola fir-rigward ta' sistema ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli li se tinxtara u tiġi installata. Għandhom jimtlew dawn il-partijiet tal-formola kif ġej:
Parti A – qabel ix-xiri u l-installazzjoni (wara t-tnehdija tal-iskema)
Parti B – wara x-xiri, l-installazzjoni u wara li tkun ġiet approvata l-għotja.

Taqsima (i) – Dettalji tal-Applikant

Isem: Kunjom:
Nru tal-Karta tal-Identità: Nru tat-Telefown:
E-mail:

Taqsima (ii) – Indirizz fejn se tiġi installata s-sistema

Isem jew numru tad-dar:
Triq:
Lokalità: Kodiċi Postali:
Numru tal-kont tal-ARMS misjub fuq il-kont tal-ARMS:

Taqsima (iii) – Indirizz Postali

Jekk tixtieq li l-korrispondenza rigward l-iskema tintbagħat f'indirizz differenti mill-indirizz tal-installazzjoni mogħti hawn fuq, jekk jogħġbok imla din il-parti. Jekk din il-parti ma timteliex, il-korrispondenza kollha tintbagħat fl-indirizz identifikat f'Taqsima (ii).

Isem jew numru tad-dar:
Triq:
Lokalità: Kodiċi Postali:

Taqsima (iv) – Tip ta' Applikazzjoni

□	Sistema fotovoltajika b'*hybrid inverter*
□	Sistema fotovoltajika b'*hybrid inverter* u sistema ta' batterija għall-ħażna tal-enerġija rinnovabbli

2026/RES

Zentrum Business Centre • Level 1 • Mdina Road • Qormi • QRM 9010 • Malta
Tel: 153 • E-mail: schemes@rews.org.mt • www.rews.org.mt

REGULATOR FOR ENERGY & WATER SERVICES

Taqsima (v) - a - Dettalji tekniċi tas-sistema tal-Enerġija minn Sorsi Rinnovabbli[1]

Isem tal-Kumpanija tal-Bejjiegħ:
Numru ta' referenza tal-Istima:

Taqsima (v) – b - Dettalji tekniċi tas-Sistema Fotovoltajika b'*Hybrid inverter*

Qawwa tal-ħruġ tal-elettriku f'*kilowatt peak* (kWp) – applikabbli għal sistema fotovoltajika
Mudell tal-Panelli:
Numru ta' Panelli li ħa jiġu nstallati:
Mudell tal-*Inverter*:
Numru ta' *Inverters* li ħa jiġu nstallati:
Stima tal-qawwa tal-ħruġ tal-elettriku f'kilowatt kull siegħa fis-sena (kWh):
Spiża totali:
Tip ta' ikkonnetjar mal-grid[2]: □ *Single Phase* □ *Two phases*[3] □ *Three Phase*
Dettalji tas-sistema tat-traċċar (jekk applikabbli):□ Iva □ Le
Inverter jinkludi fih il-volt-var: □ Iva □ Le

Taqsima (v) – ċ - Dettalji tekniċi tas-Sistema tal-Batterija/i:

Kapaċità tas-sistema li ħa tiġi nstallata (kWh) – applikabli ghal Sistema ta' batterija għall-ħażna tal-enerġija rinnovabbli
Mudell tal-Batterija:
Numru ta' Batteriji li ħa jiġu nstallati:
Spiża totali:

Taqsima (vi) – Dokumenti mehmużin mal-formola tal-applikazzjoni

Stima li tinkludi dettalji tal-bejjiegħ u x-xerrej, il-prezzijiet segregati u deskrizzjoni tal-prodott	□
Kopja tal-Karta tal-Identità/Dokument ta' Residenza tal-applikant	□
Kopja tal-kont tal-elettriku tal-post fejn ser issir l-installazzjoni li nħareġ fl-aħħar 12-il xahar. Il-*consumer scheme* trid tkun *Residential*	□

[1] Informazzjoni inkluża f'din it-taqsima trid tirrifletti l-istima.
[2] Fil-każ ta' *three phase* irid ikun assigurat bilanċ fil-ġenerazzjoni
[3] Applikabbli f'każ li s-sistema fotovoltajika ħa tkun tikkumplimenta sistema eżistenti / pjanata li tkun konnessa ma' *one phase*, dan bl-intendiment li s-sistema ġdida tkun mqassma b'mod bilanċjat fil-*phases* rimanenti f'sistema *three-phase*

Zentrum Business Centre • Level 1 • Mdina Road • Qormi • QRM 9010 • Malta
Tel: 153 • E-mail: schemes@rews.org.mt • www.rews.org.mt
2026/RES

Taqsima (vii) – Skema ta' Arranġament tal-Feed-in-tariff

Is-sistema għandha tiġi installata fuq in-numru tal-kont eżistenti tal-ARMS Ltd:_____ bħala:

□	New unique system
□	Re-powering (*sostituzzjoni ta' installazzjoni eżistenti b'sistema PV ġdida)*
□	New and add-on (*Installazzjoni ta' sistema PV ġdida b'tariffa ġdida ta' feed-in, flimkien maż-żieda ta' kapaċità eżistenti li ma tibbenefikax minn tariffa ta' feed-in-tariff.)*
□	Installazzjoni ġdida fuq il-meter tal-konsumatur, separata minn sistema PV eżistenti li tinsab jew se tiġi trasferita fuq *PV* meter addizzjonali

F'każ ta' **Repowering, New and add-on jew New flimkien ma PV meter addizzjonali**, jekk jogħġbok speċifika MRA / REWS referenza ta' kwalunkwe ġenerazzjoni eżistenti / Awtorizzata / Notifikata / applikat għall-kapaċità fuq il-post: _____.

Is-sottomissjoni ta' din l-informazzjoni tfisser li l-formola tal-applikazzjoni għat-tariffa Feed-in (FIT) m'hemmx għalfejn tiġi sottomessa. Jekk jogħġbok immarka l-kaxxa rilevanti biex tagħżel l-arranġament tal-iskema FIT għall-installazzjoni fotovoltajka li tixtieq tagħżel.

Għas-sistemi PV li jiġġeneraw aktar minn 16 Amps għal kull fażi, jew 20 Amps meta l-inverter ikollu l-funzjoni volt-var attivata, trid tiġi ppreżentata formola ta' awtorizzazzjoni. Formola ta' notifika mhijiex meħtieġa għal sistemi ta' 16 Amps jew inqas għal kull fażi, jew f'każ li l-inverter ikollu volt-var attivat għal sistemi ta' 20 Amps jew inqas.

□ Inbiegħ l-elettriku kollu ġġenerat mis-sistema fotovoltajika tiegħi lil Enemalta, bir-rati u l-kundizzjonijiet hekk kif stabbiliti fir-Regolamenti tal-Feed-In Tariffs (Elettriku ġġenerat mis-sistema fotovoltajika).
□ Niġġenera l-elettriku primarjament għall-konsum tiegħi u nbiegħ l-elettriku ġġenerat mhux użat fil-ħin tal-ġenerazzjoni u esportat bir-rati u l-kundizzjonijiet hekk kif stabbiliti fir-Regolamenti tal-Feed-In Tariffs (Elettriku ġġenerat mis-sistema fotovoltajika).

2026/RES

Zentrum Business Centre • Level 1 • Mdina Road • Qormi • QRM 9010 • Malta
Tel: 153 • E-mail: schemes@rews.org.mt • www.rews.org.mt

Taqsima (viii) – Dikjarazzjoni tal-Applikant

Nikkonferma li jien konformi mar-rekwiżiti tal-permess tal-ippjanar.
Nikkonferma li jien is-sid tal-proprjetà jew enfitewta jew kerrej bl-awtorità kollha neċessarja biex napplika għal din l-għotja (kerrejja għandhom jehmżu kopja tal-kuntratt tal-kiri). Nikkonferma wkoll li m'hemm l-ebda impediment legali li jipprekludini milli nissottometti din l-applikazzjoni validament u, jew b'suċċess.
Nikkonferma li l-post fejn ser jiġi installat it-tagħmir huwa konformi mar-rekwiżiti tal-permessi tal-ippjanar.
Nikkonferma li jien (jew kwalunkwe membru ieħor tad-dar) ma ksibtx xi għotjiet jew sussidji oħra għall-istess sistema, minn fondi pubbliċi jew nazzjonali jew tal-UE. Nikkonferma li m'iniex se neżerċita d-dritt li nikseb, jew nikseb, kwalunkwe ħlas lura ta' taxxa, tnaqqis inkluż tnaqqis ta' kreditu ta' taxxa fuq ix-xiri mit-taxxa fuq il-bejgħ skont it-termini tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406), jew xi rifużjoni oħra ta' taxxa tkun kif tkun deskritta, fir-rigward tal-ispiża eliġibbli fuq is-sistema RES.
Nikkonferma li l-proprjetà fejn se tiġi installata s-sistema hija proprjeta' residenzjali u tintuża minni stess għal skopijiet residenzjali biss.
Nikkonferma li m'iniex qed napplika għan-nom ta' intrapriża (li twettaq attività ekonomika), u li m'iniex sid il-kera tal-proprjetà fejn se tiġi installata s-sistema.
Nikkonferma li naf li s-sistema fotovoltajika li se tiġi installata trid tibqa' topera tul il-perjodu hekk kif stabbilit fil-linji gwida[4] ta' din l-iskema. Nikkonferma wkoll li naf u li se nimxi mal-Att 71 (Durabilità tal-Operazzjoni) tal-Council Regulation EC/1303/2013.
Niddikjara li nagħraf li l-informazzjoni kollha li qed nippreżenta f'din l-applikazzjoni tista' tiġi mgħoddija mir-REWS lil entitajiet oħra Governattivi (entitajiet imsemmija fl-Avviż dwar il-Protezzjoni tad-Data iktar 'l isfel f'din l-applikazzjoni). Ir-REWS, fid-dawl tal-jedd tagħha li titlob is-sottomissjoni ta' informazzjoni taħt l-Artiklu 5 (4) tal-Att dwar ir-REWS, ir-REWS tista' titlob lil dawn l-entitajiet governattivi biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa, u r-REWS tirriżerva d-dritt li żżomm din l-applikazzjoni sospiża, sakemm din l-informazzjoni tinġabar u tkun kontroverifikata.
Se nagħti aċċess lill-organizzazzjonijiet kollha relevanti li huma involuti fl-implimentazzjoni u l-kontroll ta' din l-iskema (inkluż ir-REWS u awdituri – kemm lokali kif ukoll tal-UE – fost oħrajn) biex jispezzjonaw l-installazzjoni RES fir-residenza tiegħi wara li jkun ingħata avviż xieraq mir-Regolatur.

Jien, hawn taħt iffirmat/a, niċċertifika li qrajt u fhimt ir-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet stabbiliti għall-għotja, disponibbli fuq is-sit elettroniku tar-REWS www.rews.org.mt[5] . L-informazzjoni provduta f'din il-formola hi preċiża u vera sa fejn naf jien. Nifhem li kwalunkwe tentattiv biex nippreżenta informazzjoni żbaljata f'din il-formola jwassal biex din l-applikazzjoni tiġi invalidata u biex jien niġi skwalifikat/a mit-talbiet kollha għal rifużjonijiet fil-futur. Nagħraf li l-awdituri tar-REWS u ta' awtoritajiet oħra nazzjonali u Ewropej jistgħu jwettqu spezzjonijiet fuq il-post u li ismi flimkien mal-għajnuna mogħtija fuq l-investiment jistgħu jidhru fuq dokumenti pubbliċi.

Firma tal-Applikant _____ Data_____

Noti

- F'każijiet fejn l-Applikant ma jikkonformax ma' xi regoli stabbiliti fl-iskema, l-Applikant ikun obbligat li jew ibiddel it-tagħmir biex iġib l-installazzjoni skont il-linji gwida tal-iskema jew jirrifondi l-għotja.
- Applikanti prospettivi li bħsiebhom jimportaw is-sistemi direttament huma mħeġġa jirreġistraw minn qabel is-sistemi tagħhom huma stess QABEL ma jagħmlu kwalunkwe impenn.

[4] Jekk niddeċiedi li nbiegħ jew nikri r-residenza jew nibdel l-użu tagħha matul dan il-perjodu, għandi ninforma lil REWS kif xieraq.

[5] Kopja tad-dokumenti tal-iskema tista' tinkiseb mill-uffiċini tar-REWS.

Zentrum Business Centre • Level 1 • Mdina Road • Qormi • QRM 9010 • Malta
Tel: 153 • E-mail: schemes@rews.org.mt • www.rews.org.mt

2026 REWS

REGULATOR FOR ENERGY & WATER SERVICES

DIKJARAZZJONI TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT *(DE MINIMIS)*

------ REWS/RES/2026 ------

Jekk l-applikazzjoni sottomessa tiġi approvata, il-proġett jibbenefika minn għajnuna mill-Istat (*de minimis*), skont ir-*Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru, 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 li huwa dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropeja għal għajnuna de minimis.*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru. *2023/2831* jippermetti lil 'impriża waħda' li tirċievi ammont massimu aggregat ta' għajnuna *de minimis* ta €300,000 taħt il-miżuri kollha ta' għajnuna *de minimis*, fuq perjodu applikabbli ta' tliet 'snin fiskali'. Il-perjodu ta' tliet snin huwa vvalutat fuq bażi kontinwa. Għal kull għotja ġdida ta' għajnuna *de minimis,* l-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħtija fi tliet snin preċedenti jrid jiġi kkunsidrat. Bħala eżempju, jekk id-dikjarazzjoni hi ffirmata fit-30 ta' Jannar 2024, l-applikant għandu jindika l-għajnuna *de minimis* kollha riċevuta mit-30 ta' Jannar 2021 'il quddiem fit-tabella t'hawn taħt u fuq il-paġna ta' wara. Għall-iskop ta' din id-dikjarazzjoni t-terminu 'impriża waħda' għandu jkollu t-tifsira kif stabbilita fir-*Regolament tal-Kummisjoni (UE) Nru. 2023/2831*.

Dan il-limitu massimu jinkludi l-għajnuna mill-Istat kollha mogħtija taħt din l-iskema u kwalunkwe miżura oħra ta' għajnuna mill-Istat mogħtija taħt ir-regola tad-*de minimis*. Kull għajnuna tad-*de minimis* li rċivejt li taqbeż il-limitu stabbilit ikollha tiġi rkuprata, bl-interessi, mingħand l-individwu li rċieva l-għajnuna.

Din li ġejja hija lista indikattiva ta' eżempji possibli ta' għajnuna mill-Istat

- Għotjiet minn aġenziji pubbliċi
- Self jew garanziji ta' self b'rati favorevoli
- Benefiċċji tat-Taxxa
- Rinunzja jew differiment ta' miżati jew interessi normalment dovuti
- Assistenza għall-kummerċjalizzazzjoni u r-reklamar
- Konsulenza, taħriġ u appoġġ ieħor ipprovdut b'xejn jew b'rati mnaqqsa
- Għajnuna għal investiment fi proġetti ambjentali jew għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp
- Xiri, kera jew kiri ta' proprjetà immobbli b'inqas mir-rata tas-suq.

Potenzjalment kwalunkwe għajnuna minn aġenżiji pubbliċi tista' tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Jekk għandek xi dubji dwar jekk xi għajnuna milli rċivejt jew applikajt għaliha hijiex għajnuna li taqa' taħt *de minimis*, għandek tikkuntattja lill-aġenzija jew lid-dipartiment li minnu rċivejt l-għajnuna sabiex tikkonferma.

DIKJARAZZJONI

Niddikjara li ammont komprensiv ta' għajnuna *de minimis* riċevut sal-lum matul il-**perjodu applikabbli ta' tliet snin** mid-data tal-firma ta' din id-dikjarazzjoni huwa:

Sena Fiskali 2023	Sena Fiskali 2024	Sena Fiskali 2025	Sena Fiskali 2026	TOTALI
€	€	€	€	€

Is-sors, it-tip u l-ammont ta' għajnuna *de minimis* kollha riċevuta kif ukoll dik li saret diġà applikazzjoni għaliha minn kwalunkwe 'State aid grantor' hija ppreżentata fil-paġna ta' wara.

_____ _____

Isem Legali ta' Impriża Numru tal-Karta tal-Identità

_____ _____

Isem u Kunjom Pożizzjoni fl-Istabbiliment

_____ _____

Firma Data

Zentrum Business Centre • Level 1 • Mdina Road • Qormi • QRM 9010 • Malta
Tel: 153 • E-mail: schemes@rews.org.mt • www.rews.org.mt

2026/RES

INFORMAZZJONI DETTALJATA DWAR L-GĦAJNUNA APPLIKABBLI TAĦT IR-REGOLA TAD-*DE MINIMIS*.

TAQSIMA 1 – GĦOTJA TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT *DE MINIMIS*

Data	**Sors/*Grantor***	**Tip ta' Għajnuna mill-Istat** **(Isem tal-Miżura)**	**Mogħtija lil**	**Ammont €**
TOTAL (A1)				

TAQSIMA 2 – GĦAJNUNA MILL-ISTAT *DE MINIMIS* LI L-APPROVAZZJONI GĦADHA PENDENTI

Data	**Sors/*Grantor***	**Tip ta' Għajnuna mill-Istat** **(Isem tal-Miżura)**	**Mogħtija lil**	**Ammont €**
TOTAL (A2)				

TAQSIMA 3 – GĦAJNUNA MILL-ISTAT *DE MINIMIS* MITLUBA F'DIN L-APPLIKAZZJONI

Data	**Sors/*Grantor***	**Tip ta' Għajnuna mill-Istat** **(Isem tal-Miżura)**	**Ammont €** **(A3)**

AMMONT TOTALI TA' GĦAJNUNA *DE MINIMIS* Total ta' Taqsimiet 1, 2 u 3 hawn fuq (A1 + A2 + A3)	**€**

Zentrum Business Centre • Level 1 • Mdina Road • Qormi • QRM 9010 • Malta
Tel: 153 • E-mail: schemes@rews.org.mt • www.rews.org.mt

AVVIŻ DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Waqt l-ipproċessar tad-data personali tiegħek, ir-Regolatur se jikkonforma mal-obbligi leġiżlattivi vinkolanti imposti mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data 2016/679 tal-UE (il-"GDPR") u l-liġi nazzjonali ta' Malta li tirrikjedi standard adegwat ta' protezzjoni tad-data.

L-ipproċessar tad-data personali tiegħek mir-Regolatur se jsir fit-twettiq ta' xogħol fl-interess pubbliku jew fl-eżerċitar tal-awtorità uffiċjali vestita fir-Regolatur u, jew f'konformità ma' obbligu legali.

Skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-bażijiet legali, ir-Regolatur jipproċessa l-informazzjoni personali tiegħek mal-Enemalta PLC, l-Automated Revenue Management Services Ltd. (ARMS Ltd), il-PPCD, id-Dipartiment tat-Teżor, id-Dipartiment tal-VAT, id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, l-Awtorità tal-Ippjanar, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma, il-Bord ta' Sorveljanza fuq l-Għajnuna Mogħtija mill-Istat, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali u l-Korporazzjoni Malta Enterprise u l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni

Tista' taċċessa l-politika tar-Regolatur dwar il-Privatezza tad-Data hawn: https://www.rews.org.mt/#/en/a/51-privacy-policy

2026/RES

Zentrum Business Centre • Level 1 • Mdina Road • Qormi • QRM 9010 • Malta
Tel: 153 • E-mail: schemes@rews.org.mt • www.rews.org.mt